

31992L0060

14.9.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 268/75

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/60/KEE

tat-30 ta' Ġunju 1992

li temenda d-Direttiva 90/425/KEE li tikkonċerna l-ispezzjonijiet veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u ta' prodotti bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi l-Komunità se tadotta miżuri maħsuba biex jstabbilixxu s-suq intern b'mod progressiv matul perjodu li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992;

Billi d-Direttiva 90/425/KEE ⁽³⁾ tipprovdi li l-ispezzjonijiet veterinarji fuq ċerti annimali ħajjin u fuq prodotti ġejjin mill-annimali m'humiex se jsiru aktar fuq il-fruntieri interni tal-Komunità;

Billi, minn mindu adotta d-Direttiva 90/425/KEE, il-Kunsill iffissa l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' l-ispezzjonijiet veterinarji fuq l-annimali ħajjin u fuq il-prodotti ġejjin mill-annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi; billi, f'dan ir-rigward, għandha titqies id-Direttiva tal-Kunsill 70/675/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1990, li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' l-ispezzjonijiet veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽⁴⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' l-ispezzjonijiet veterinarji fuq l-annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽⁵⁾;

Billi r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 21 ta' Direttiva 90/452/KEE jipprovdi għall-inklużjoni fl-ambitu tad-Direttiva msemmija, u tad-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 li tikkonċerna l-ispezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern ⁽⁶⁾ ta' l-annimali ħajjin u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali mhux koperti mid-Direttivi msemmija;

Billi l-Artikolu 25 tad-Direttiva 90/425/KEE jistipula li l-arranġamenti li għandhom jgħoddu meta jiskadu d-disposizzjonijiet transitorji previsti fl-Artikolu 24 għandhom jiġu stabbiliti; billi, f'dan ir-rigward, għandu jitqies il-progress li jkun seħħ fil-Komunità rigward kemm l-adozzjoni ta' regoli li jikkonċernaw l-annimali ħajjin u l-prodotti li ġejjin mill-annimali minn pajjiżi

terzi u l-armonizzazzjoni tal-miżuri li jikkontrollaw il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u d-deni tal-ħnieżer, speċifikament id-Direttiva tal-Kunsill 90/423/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li temenda d-Direttiva 85/511/KEE li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, id-Direttiva 64/432/KEE dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali tal-fart u l-ħnieżer u d-Direttiva 72/462/KEE dwar il-problemi ta' l-ispezzjoni sanitarja u veterinarja waqt l-importazzjoni ta' l-annimali tal-fart u l-ħnieżer u l-laħam frisk jew il-prodotti ġejjin mill-laħam minn pajjiżi terzi ⁽⁷⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 91/685/KEE tal-11 ta' Diċembru 1991 li temenda d-Direttiva 80/217/KEE li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ⁽⁸⁾;

Billi, partikolarment fid-dawl tal-progress li sar bl-armonizzazzjoni tar-regoli veterinarji, għandha ssir disposizzjoni għall-abolizzjoni, mill-1 ta' Lulju 1992, ta' spezzjonijiet veterinarji li jsiru fuq il-fruntieri interni fuq l-annimali ħajjin kollha u fuq il-prodotti ġejjin mill-annimali;

Billi, madankollu, għandha ssir disposizzjoni għal regoli speċifiċi li jikkonċernaw l-ispezzjonijiet veterinarji applikabbli għall-movimenti ta' annimali domestiċi li jkunu akkompanjati u taħt ir-responsabbiltà ta' persuna naturali, fejn dawn il-movimenti ma jkunux is-soġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 90/425/KEE qiegħda b'hekk tiġi emendata kif ġej:

1. il-paragrafu li ġej għandu jzjed ma' l-Artikolu 1:

"Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal spezzjonijiet veterinarji fuq movimenti ta' l-annimali domestiċi bejn Stati Membri li jkunu akkompanjati u taħt ir-responsabbiltà ta' persuna naturali, fejn dawn il-movimenti ma jkunux is-soġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali;"

2. fl-Artikolu 7(2), '1 ta' Jannar 1993' għandha tinbidel u ssir "1 ta' Lulju 1992";

⁽¹⁾ ĠU Ċ 122, 14.5.1992, p. 18.⁽²⁾ ĠU Ċ 176, 13.7.1992.⁽³⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Emendata l-aħħar mid-Direttiva 91/628/KEE (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 17).⁽⁴⁾ ĠU L 373, 31.12.1990, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.⁽⁶⁾ ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.⁽⁷⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 13.⁽⁸⁾ ĠU L 377, 31.12.1991, p. 1.

3. fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 21, il-kliem 'sal-31 ta' Diċembru 1992' għandhom jitħassru;
4. it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 21 għandu jinbidel b'dan li ġej:
"L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-kondizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli fil-kummerċ ta' l-annimali u l-prodotti msemmija fl-ewwel paragrafu.";
5. l-aħħar sentenza tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 21 għandha titħassar;
6. L-Artikolu 22 għandu jinbidel b'dan li ġej:
"Artikolu 22
1. L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni, bl-użu ta' mudell armonizzat, it-tagħrif rilevanti li jikkonċerna l-ispezzjonijiet li jkunu saru skond din id-Direttiva.
2. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 1 fil-Kumitat Veterinarju Permanenti. Din tista' tadotta miżuri approprijati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.
3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-frekwenza tal-komunikazzjoni tat-tagħrif, il-mudell li jrid jiġi wżat u t-tip ta' tagħrif meħtieġ, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.";
7. L-Artikolu 24 għandu jinbidel b'dan li ġej:
"Artikolu 24
Sal-31 ta' Diċembru 1992 sabiex tiġi permessa l-implimentazzjoni gradwali ta' l-arranġamenti għall-ispezzjoni stabbiliti minn din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu:
— spezzjonijiet dokumentarji matul it-trasport ta' l-annimali u tal-prodotti koperti mill-Annessi A u B jew importati minn pajjiżi terzi,
— spezzjonijiet veterinarji fuq il-post ta' natura mhux diskriminatorja matul it-trasport ta' l-annimali u tal-prodotti koperti mill-Anness B;"

8. L-Artikolu 25 għandu jitħassar;
9. Il-parti A ta' l-Anness B għandha tinbidel b'dan li ġej:
"A. Leġislazzjoni veterinarja - Annimali ħajjin oħra mhux koperti mill-Anness A.I.";
10. Il-parti B ta' l-Anness B għandha tinbidel b'dan li ġej:
"B. Il-leġislazzjoni veterinarja - Semen, bajd u embrijoni mhux koperti mill-Anness A.I.".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaðhlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fl-1 ta' Lulju 1992. Dawn għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta dawn il-miżuri jiġu adottati mill-Istati Membri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi domestika li jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, it-30 ta' Ġunju 1992.

Fisem il-Kunsill

Il-President

Arlindo MARQUES CUNHA